# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 406/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Werner Stephen Galea**

**Veronica Galea**

Seduta tat-15 ta' Dicembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Werner Stephen Galea, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 16472M u Veronica Galea, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 10679M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Mill-4 ta' Lulju, 2013 sal-4 ta' Ottubru, 2013 fi Triq Guze Orlando, Birkirkara u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin, meta b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghelu, bl-awtorita' taghhom innifishom, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklu lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlu fi hwejjeg haddiehor billi fixklu lil Lewis Magri, Emanuel-Noel Magri u Anthony Magri mill-pussess ta' hwejjighom.

2. Aktar talli bil-hsara tal-imsemmija persuna ghamlu vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' haddiehor mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel dan l-artikolu u lanqas band' ohra f'dan il-Kodici.

3. Aktar talli dahlu f'dar jew lok iehor jew recint b'wiehed mill-mezzi imsemmijin fl-artikolu 266 bi ksur tal-Art. 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi sabiex jitwaqqaf l-istat ta' illegalita u l-ahwa Magri jergghu jitpoggew fil-pussess shih tal-proprjeta' taghhom u f'kaz ta' sejbien ta' htija tkun applikata d-disposizzjoni tas-subinciz (2) tal-art 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jkun assigurat illi l-persuni li ssubew l-ispoll jitqieghdu ghal kollox fl-istat ta' qabel ma baghtew l-imsemmi spoll flimkien mal-applikazzjoni tal-artikoli 321(1) u 321(2) tal-Kap 10 jew mal-artikoli 377(3) u 377(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jitnehha kull inkonvenjent illi nholoq permezz tal-agir tal-akkuzati u fin-nuqqas illi jaghmlu dak illi jkunu ordnati mill-Qorti il-ligi tkun esegwita mill-Pulizija bi spejjez ghall-hatja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Ottubru, 2014, li biha sabet lill-appellanti hatja biss tal-ewwel u t-tieni mputazzjonijiet u kkundannathom multa ta' mitt ewro (€100) in solidum filwaqt li lliberathom mit-tielet (3) imputazzjoni. Il-Qorti ordnat lill-appellanti

sabiex fi zmien tliet (3) xhur jirripristinaw il-parti tal-faccata li tappartjeni lill-parte civile fi stat kif kienet qabel u cioe' fuq il-fil wiesgha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmija Werner Stephen Galea u Veronica Galea, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti tvarja u timmodifika is-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabithomx hatja tat-tielet imputazzjoni, tilliberahom minn kull piena u imputazzjoni taht l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u di piu' jigi dikjarat li l-artikoli li a bazi taghhom gew ordnati li jsiru x-xogholijiet imsemmija fis-sentenza, l-ebda wiehed minnhom ma hu applikabbli fic-cirkostanzi, u ghalhekk tali xogholijiet u tnehhija ma ghandhomx isiru.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-atti proceswali l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw tibdil u ammeljorament ta' faccata ta' dar li parti minnha, senjatament il-garage li jinsab f'nofs il-livell ta' triq, hu proprjeta' ta' terzi u li ghalhekk kien sar kontra l-volonta' espressa tas-sidien tieghu. L-appellanti huma propretarji ta' dar li tinkorpora , bhala struttura, garage b'rampa li allura jigi taht parti minn din ir-residenza, li izda, huwa proprjeta' ta' terzi, il-parti civili. L-appellant ghamlu tibdil f'din il-faccata billi waqqghu u bnew mill-gdid it-tarag li jaghti mill-bieb ta' quddiem tad-dar taghhom, li jinsab elevat sew mill-livell tat-triq u li jaghti ghal fuq il-bankina. F'dan il-process, peress illi t-tarag kien qed jistrieh ma' hajt li jinsab mal-genb tar-rampa tal-garage tal-parti civili twaqqa ukoll il-hajt u twaqqghu ukoll

il-balavostri ta' quddiem it-tarag kantuniera ma' dan il-hajt. Inoltre, meta rega inbena l-hajt biex iserrah it-tarag il-gdid, l-appellanti ffurmaw bieb li jaghti ghal tahtu u li l-access ghalih huwa biss mir-rampa tal-garage. Dan il-bieb inghalaq wara insistenza tal-parti civili. L-appellanti ukoll ghamlu tibdil fid-dekor tal-faccata kollha billi imlew il-fili wiesgha li kien hemm fil-gnub u ksewha b'materjal u kulur xelta taghhom izda fil-process ta' dan kollu ghazlu illi jibqghu ghaddejjin bix-xogholijiet fuq il-faccata tal-garage, igifieri iz-zewg pilastri tal-genb u l-blata sabiex b'hekk il-faccata inghatat dehra olistika. Bhal preparament ghall-materjal tal-kisi, l-appellanti baqnu il-faccata taghhom u dik ukoll tal-garage bil-konsegwenza li faccata li qabel kienet hekk imsejjah fuq il-fil, issa spiccat miksija u kulurita. L-appellanti ghamlu dan ix-xoghol billi dahlu fir-rampa tal-parti civili u sahansitra ukoll baqnu u ksew il-gnub tad-dahla tal-garage;

2. Dawn il-fatti mhumhiex riflessi fil-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti minkejja illi l-parti civili kienu talbu ghall-proceduri in rigward kontra l-appellant kompriz illi l-ipparkeggjar tal-vettura taghhom quddiem dan il-garage qed ikun ukoll ta' ostakolu ghal-ezercizzju liberu tad-dritt taghhom kif ukoll it-tkissir ta' hawt mal-hajt tat-tarag fir-rampa u l-ammont ta' hmieg ta' kostruzzjoni li thalla fiha. Tant illi l-ewwel Qorti bdiet il-kunsiderazzjonijiet taghha bil-mod segwenti: "*Ikkunsidrat illi l-kontestazzjoni li fadal fuqha u li ghada ma gietx rizolta hija l-faccata fejn il-Qorti semghet ix-xhieda tal-parte civili li din il-faccata li kienet tikkomprendi anke parti mill-proprjeta' taghhom, giet b'mod arbitrarju u minghajr permess mill-imputati mindula [recte: mibdula] u maghmula kif qabel lilhom*". Dan l-appell, izda, introdott mis-sidien tad-dar misjuba hatja, jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza fejn instabet htija fir-reat ravvizat fl-artikolu 85 u dak fl-artikolu 330 tal-Kodici Kriminali senjatament fejn dan jirrigwarda l-bdil tal-faccata tal-garage u dhul fir-rampa. Huwa ghalhekk illi din il-Qorti sejra tillimita il-kunsiderazzjonijiet

taghha dwar il-faccata tal-garage u d-dhul bla permess fir-recint, ossia rampa tal-parti civili minghajr il-permess taghhom;

3. Illi ghalkemm l-ewwel Qorti ma jidhirx illi ezaminat l-fatti mill-perspettiva tal-insenjament rifless fi skorta ta' sentenzi in rigward l-artikolu 85 il-konkluzzjoni li ghandha tasal ghaliha din il-Qorti hija essenzjalment l-istess. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et** (App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768) u segwita kostantement mill-Qrati taghna, ir-reat in dizamina jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba elementi: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi. L-appellanti kienu interpellati formalment mill-parti civili permezz ta' tlett ittri interpellatorji sabiex ma jkomplux bl-ispoll minnhom lamentat. Sahansitra kien indikat lilhom grafikament il-linja ta' demarkazzjoni sa fejn kellhom jaslu bl-ammerjoramenti taghhom sabiex b'hekk ma jilledux id-drittijiet taghhom la darba ma xtaqux li l-faccata tal-garage taghhom tassumi dehra gdida;

4. L-appellanti injoraw it-twissijiet tal-parti civili u qieghdin jistriehu fuq ir-ragunament illi rrendew il-faccata hafna isbah milli kienet u li sahansitra rrestawrawha u li jista' jaghti l-kaz illi dan huwa kaz tal-istitut ta' *negotiorum gestio.* Bid-dovut rigward, dan kollu jirrazzenta l-fierah. L-appellanti jafu li l-garage u r-rampa jappartjenu lill-parti civili u li kwalsiasi attivita' fir-rampa u fuq il-kostruzzjoni taghhom ser timpedixxi lill-parti civili mit-tgawdija tal-istess proprjeta u kienu konvinti li kellhom xi dritt jaghmlu dak li ghamlu w kienu konsapevoli ukoll li kellhom jirrikorru ghal-awtorizzazzjoni tal-parti civili u li fin-nuqqas riedu jirrikorru ghal-awtorizzazzjoni tal-Qorti jew awtorita' ohra oltre li kienu jafu li ma kellhom ebda titolu fil-ligi tal-parti li tappartjeni lill-parti civili;

5. Ghalhekk l-appell kwantu jolqot is-sejbien ta' htija tal-appellanti qed ikun michud;

6. L-appellanti jilmentaw ukoll mill-ordni moghtija mill-ewwel Qorti sabiex jirriprestinaw il-faccata tal-garage fi zmien tlett xhur.". Din il-Qorti qed tirriproduci dik il-parti tal-appell ghall-esposizzjoni aktar cara tal-ilment tal-appellanti:

"*Illi fl-ewwel lok l-artikolu 377(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma setax jigi applikat ghax l-effetti ta' dan l-artikolu jiskattaw biss wara li tinghata s-sentenza fuq rikors li jsir appozitu biex jitnehha l-inkonvenjent.*

*Illi fit-tieni lok l-artikolu 321(1) u 321(3) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta ma humiex applikabbli ghall kaz odjern peress li r-reati li gew addebitati bihom l-esponenti huma dawk li jinsabu f'Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Kodici Kriminali u mhux taht xi reat iehor kif ravvizat taht Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Biex dawn setghu jigu applikati l-esponenti riedu jkunu akkuzati b'reati ravvizati taht Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, li wkoll mhux il-kaz.*".

Tajjeb ghalhekk ukoll li tkun riprodotta dik il-parti tas-sentenza li ordnat dan ottemperament:

"*Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 85 u 330 u 377(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 321(1) u 321(2) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputati Werner Stephen Galea u Veronica Galea hatja biss tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi [recte: imputazzjonijiet] u tikkundannahom multa ta; mitt ewro (€100) in solidum filwaqt li tilliberahom mit-tielet (3) akkuza [recte: imputazzjoni]. Il-Qorti tordna lill-imputati biex fi zmien tlett (3) xhur jirriprestinaw il-parti tal-faccata li tappartjeni lil-parte civile fi stat kif kien qabel u cioe' fuq il-fil wiesgha*";

7. Huwa evidenti illi dak li gara hu illi l-ewwel Qorti indikat mhux biss l-artikoli tal-ligi li taghhom kienet qed tinstab htija izda indikat ukoll

dawk l-artikoli indikati mill-prosekuzzjoni fic-citazzjoni li ghalihom, u skond il-prosekuzzjoni, kellha ssir referenza ghall-ottemperament f'kaz li tinsab htija. Opportunement ikun mfakkar illi ghal-validita' tas-sentenza fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ghandha *inter alia* ssemmi l-artikolu tal-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Kif wisq drabi ritenut minn din il-Qorti, l-artikolu tal-ligi li dwaru kien hemm liberatorja, dak li jsemmi l-piena applikabbli, dak dwar l-iskwalifika, fost ohrajn mhumhiex mehtiega li jissemmew f'dik il-parti tas-sentenza fejn qed tinsab htija. (ara per ezemplari is-sentenza **l-Pulizija vs Trevor Farrugia** App Krim 29.1.1996 ref:151/95). Jekk imbaghad f'dik il-parti tas-sentenza li fiha l-Qorti terroga l-piena ikun msemmi l-artikolu li jimponi dik il-piena u, jekk applikabbli, l-iskwalifika, dak ikun ta' ghajnuna sabiex l-persuna misjuba hatja tkun tista' tifhem ghaliex il-Qorti ikkominat dik is-sanzjoni, ghalkemm, jerga jinghad, din mhix mehtiega skond il-ligi;

8. Issa, minkejja li l-ewwel Qorti semmiet inutilment u ta' ebda rilevanza, anzi b'mod li jista' jikkonfondi lil min qed jaqra s-sentenza, diversi artikoli tal-ligi meta sabet htija, ordnat it-tnehhija tal-inkonvenjent u dan setghet tghamlu bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali, kif fil-fatt jidher li sar. L-appellanti ghandhom ragun illi s-subartikolu (5) tal-artikolu 377, indikat mill-ewwel Qorti, japplika biss wara li l-inkonvenjent ma jkunx tnehha u biss wara li l-parti danneggjata tkun ghamlet rikors f'dan is-sens, izda huma qatt ma kienu imputati b'dan il-fatt u ghalhkek certament l-ordni ta' riprestinar ma tistax tiftiehem hlief li qeghda ssir fit-termini tal-artikolu 377 (3);

9. Fl-ahhar aggravju taghhom l-appellanti jikkwerelaw ukoll l-ordni ta' riprestinar fit-termini tal-artikoli 321(1) u (3) tal-Kapitolu 10 u li dan qatt ma seta kien hekk la darba ma kien hemm ebda dikjarazzjoni ta' htija dwar xi kontravenzjoni ta' xi artikolu ta' dak il-Kapitolu. Il-konsiderazzjonijiet appena maghmula fil-paragrafu qabel dan jghoddu ukoll ghal dan il-gravami u ghalhekk diskussjoni ulterjuri tkun inutili.

10. Finalment, ma tistax din il-Qorti ma tirrimarkax dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti meta erogat il-piena tal-multa in solidum. Il-piena in solidum tista' tinghata biss meta espressament kontemplata fil-ligi bhal per ezempju fil-Kodici Kriminali fl-artikolu 533(1). Il-piena kominata ghalhekk mhix guridikament sostenibbli u tista twassal ghal-diversi diffikultajiet. Issa ghalkemm l-Avukat Generali ma appellax minn din is-sentenza din il-Qorti ser tghaddi biex tvarja l-parti taghha rigwardanti l-piena.

11. Ghal dawn il-motivi, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanti ghal hlas ta' multa ta' Ewro 100 in solidum u minflok tikkundannahom ghall-hlas ta' multa ta' Ewro 50 kull wiehed. Tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ordnat lill-appellanti sabiex fi zmien tliet xhur jirriprestinaw il-parti tal-faccata li tappartjeni lill-parte civili fi stat li kienet qabel u cioe' fuq il- fil wiesgha, liema terminu jibda jiddekorri millum.